# IL-LUKANDIER TA' BETLEM

Aronne u Abraham dahhlu l-merhla fil-maqjel go ghar waqt li ghoddewhom wahda wahda biex jaraw li kollha dahlu ghall-mistrieh tal-lejl u biex jevitaw li xi ilpup bil-guh jiddevorawhom. Il-merhla kienet propjeta' tal-lukandier ta' Betlem li kien ghamililhom car u tond li b'rashom idur jekk tintilef jew twegga' xi nghaga.

Imiss ma' l-ghar fejn kienet il-merhla, kien hemm ghar izghar u hawn iz-zewg rghajja dahlu jimteddu biex jehilsu mis-sirda tal-lejl, jieklu xi haga u jithaddu bejnithom. "Il-merhla qieghda fiz-zgur. Hemm il-huggiega taqbad biex l-annimali selvaggi ma jersqux 'l hawn ufuq kollox hemm dawk iz-zewgt iklieb ghassa. Xejn ma jahrabilhom," qal Aronne lil Abram.

"Madankollu, irridu noqghodu attenti ghax jekk Gakobb isib xi nghag nieqsa holl xaghrek u gib iz-zejt. Ma nehilsuhiex minn taht idejh," wissa' Abram.

"Wara kollox ahna ppreparati, inti ghandek l-izbandola u jiena ghandi l-qaws u l-vleggeg," qal Aronne.

" Gakobb iebes wisq. Jisloh lil min imur joqghod fil-lukanda tieghu u jekk ikun tat-tajjeb biss jidhol gewwa, " qal Abram.

"U halli nghidlek," waqqfu minn kliemu Aronne," jekk ma jkunx sinjur xi tridu jisloh. Ghandu fama ta' halliel. Kulhadd hekk

jghid fir-rahal u kemm jghaddu kummenti koroh fuqu meta l-migemgha tohrog mis-sinagoga kull nhar ta' Sibt. Zatat kemm tridu. Arah joqghod dejjem fuq quddiem bhallikieku hu xi haga specjali. Min jitbissimlu u jsellimlu jghid kontrih. "

U Aronne kien jibqa' jghid u jredden li kieku Abram ma hax nifs 'l gewwa u wissieh, "Noqghodu b'seba' ghajnejn minnu ghax ghandu habta jdawwar kollox favurih. Qalbu iebsa."

Donnhom iz-zewg rghajja kienu profeti ghaliex dak li kienu qed



jitkellmu bejnithom kien qed isehh quddiem il-lukanda ta' Betlem.

Guzeppi habbat il-bieb tal-lukanda u gie jiftah daqsxejn ta' zaghzugh. "Ma ghandek xi kamra vojta fejn marti u jiena nistghu nistriehu ghal dan il-lejl, Marti Marija daqt ikollha tarbija u xtaqna nsibu kenn."

“Halli nghajjat lil missieri.” “Missier,” ghajjat iz-zaghzugh.

Gakobb, meta fegg fl-intrata qal lil ibnu,” Iva smajtek.” U wara li fliehom minn rashom sa saqajhom fehem li minnhom ma kienx ser jaghmel qliegh. Rega’ qal lil ibnu,” Stajt tghidilhom inti li ma ghandniex kmamar vojta.” Imbaghad dar lejn Guzeppi u qallu, “ Habib fittex banda ohra.” U telaq ‘l gewwa. Guzeppi u Marija irringrazzjaw liz-zaghzugh u marru jfittxu banda ohra.

Iz-zaghzugh xiref rasu mill-bieb u qaghad isegwi l-passi taghhom sa ma ghebu fid-dalma tal-lejl. Meta dahal, missieru Gakobb qallu: “ Ma tarax li jiena ser nikri kamra lil dawk. Ma rajthom kwazi anqas ghaxja ta’ lejla ma kellhom fuqhom. Mela ahna xi istitut tal-karita’.”

“Missier ma nafx x’qalb kellek tirrifjuthom,” qal iz-zaghzugh.

“Ghadek ma tghallimt xejn, Ezdra. Kienet xorti tajba li ma afdajtlekx il-lukanda. Kieku ilna falluti. Inti tajjeb biss ghal mal-merhla ma’ dawk it-tnejn, Abram u Aronne.”

“Missier nibza’ wisq, anzi qed inhoss li ser jigrilna xi haga ghal dan in-nuqqas lejn dawk il-koppja.”

“Ibni mur fuq u orqod ghax il-hin dahal gmielu u ghada trid tisbah tmur tara lil dawk ir-rghajja mikrija. Ftakar biss li t-tama tieghek ghandek tpoggieha biss f’Alla kif nitghallmu fis-sinagoga kull nhar ta’ Sibt. Hobb il-Mulej Alla tieghek, b’qalbek kollha u sahhtek kollha. Il-lejl it-tajjeb.”

“Missier insejt il-bicca l-ohra: u hobb il-proxxmu tieghek bhalek innifsek. Kont trid min jimxi mieghek kif imxejt ma’ dik il-koppja. Il-lejl it-tajjeb, missier.”

L-ghada filghodu mas-sebh, Ezdra telaq lejn l-gholjiet biex jara li kollox kien sew. “Il-paci mieghek,” qalulu Abram u Aronne. U Ezdra wegibhom: “Il-paci maghkom ukoll.”

“Kemm kont thossok ixxurtjat li kieku kont maghna dan il-lejl.”

“Jaqaw? Gara xi haga?”

“Hemm isfel, hemm fil-ghar li jghidulu ta’ Josaphat, twieled il-Messija, dak li ilna nistennew,” habbrulu Abram u Aronne.

“U kif tafu li kien il-Messija? Seta’ kien kwalunkwe tarbija ohra, mhux hekk, Abram?” staqsiehom Ezdra li issa beda’ jissuspetta li dik il-koppja kienet wahda specjali.

“Dehrilna anglu mis-smewwiet u habbrilha it-twelid tal-Messija u qalilna biex immorru nzuruh gewwa dak l-ghar u li kellna insibuh imfisqi u mqieghed go maxtura. U sibna precizament dak kollu li qalilna l-anglu tal-Mulej. Barra minn hekk qtajjiet kbar ta’ angli dehru fis-smewwiet ilkoll ikantaw “Glorja lil Alla fil-gholi tas-smewwiet,” qal Abram u waqaf.

“U paci fl-art lill-bnedmin ta’ rieda tajba,” kompla Aronne.

“Iddeskrivulhi r-ragel u l-mara,” xtaq ikun jaf Ezdra.

“Fid-dalma li kien hemm go l-ghar ma’ stajniex narawhom sew. Izda zgur li r-ragel li qalilna li kien jismu Guzeppi minn

Nazaret u li kien jahdem bhala mastrudaxxa, kien ghadu zaghzugh b'daqna baxxa u irqieq. Qalilna ukoll li martu kien jisimha Marija, zaghzugha ukoll minn Nazaret."

Imbaghad qabez Aronne u qal lil Ezdra, " Ghalkemm kien id-dlam, il-fanali taghna u ta' shabna xehtu ftit dawl fuq il-wicc grazzjuz tal-mara, b'xahar qastnija. U xi hlew ta' tifel kellha. Ilkoll hadnieh f'idejn u rassejnih ma' qalbna, Ezdra."

Ezdra qaghad bil-qieghda u difen wiccu bejn idejh. "Xi gralek?" staqsewh it-tnejn f'daqqa.

"Ghax dawk il-koppja gew ghandna fil-lukanda u missieri rrifjuta li jtihom kenn ghal lejl wiehed biss. U l-Messija li ahna tant niftahru bih u nistennew tajnih il-gemb. O x'misthija, o x'misthija," karab Ezdra. U telaq l-isfel biex imur id-dar.

Ghaddew ftit gimghat minn din il-grajja u jum wiehed xi hadd habbat il-bieb tal-lukanda ta' Gakob. Malli fetah il-bieb, Gakob ra quddiemu persuna li ebda lhudi iehor ma kien irid jaraha. Kien Guda, il-publikan li gie biex jigbor it-taxxi ghan-nom tar-Rumani.

"Naf li hadt qatgha bija, Gakobb, izda dmiri jehtiegli li naghmlu. Ma gejtx inti fl-ufficju tieghi, gejt jiena nsibek. Ghandek kont gmielu xi thallas. Mitt bicca tal-fidda," qallu Guda.

“Mitt bicca tal-fidda? U dan kif wasalt ghal din is-somma meta jiena soltu nhallas 40 bicca tal-fidda. Zgur li ghandek zball,” qallu Gakobb.

“Ma ghandi zball xejn. Hekk gie iffisat biex thallas u hallas minghajr dewmin ghax ghandi x’naghmel,” ordnalu Guda.

“Ma jiena ser inhallas xejn, Guda. Jekk trid mur gib il-fizzjal tar-rumani, ja halliel.”

“Inti qed tinsulta lili u tghidli halliel meta r-rahal kollu jghid bik li tiehu hlas ghas-servizzi tieghek aktar milli hu xieraq. Mela biex tkun  taf ghalhekk il-hlas tieghek huwa gholi ghax id-dhul tieghek kien kbir.”

Gakobb sahan bil-kbir u wasal biex jimbotta lil Guda, izda dlonk dahal il-fizzjal ruman Quintus, li kien wara l-bieb jisma’ kollox.

“Ahna ilna nosservaw kemm nies kien jigu ghandek biex jiksbu kenn waqt ic-censiment. In-nies taghna kienu jghassulek kull hin u mument u anke nafu kemm kont tithallas ta’ kull lejl. Ghalhekk fittex tina l-mitt bicca tal-fidda u barra bid-daqq,” qallu Quintus.

“Imma jiena ma ghandix dawk il-flus li qed tghid int,” tkarrab Gakobb.

”Allura nghaddu ghat-tieni pass li jmiss. Ersaq lura,” ordna Quintus. U Quintus flimkien ma’ Maximus u Tertius, zewg suldati qaddejja ta’ Ruma dahlu gewwa.

"Ibdew mill-kamra ta' isfel. Nehhu l-annimali li hemm u ohorguhom fil-bitha u t-tiben warrbuh ghal kollox," ordna Quintus liz-zewg suldati.

Quintus fela' sew il-gebel li kienu jiksu l-art. Ma kienux xi gebel imqieghda bis-sengha biex l-art tkun dritta. Fliehom wahda wahda u waqaf fuq zewg gebliet li kienu mqieghda bl-addocc meta tqabbilhom ma' l-ohrajn. Ha lanza ta' suldat minnhom u bit-tarf taghha habbat fuq dawn iz-zewg gebliet. Ipprova fuq ohrajn, izda l-hoss fuq dawn kien wiehed li juri li tahthom hu vojt. "Aqilghu dawn il-gebel," ghajjat Quintus lis-suldati. Ma batewx wisq biex qalghuhom. It-tikhil taghhom ma kienx antik bhal bqija. Quddiem ghajnejh Quintus ra sitt boroz imdaqqsa li kien fihom muniti tal-fidda. Dar lejn Gakobb u qallu: "Hekk ma ghandikx flus, kif ghidt!!!!"

"Dawk ma nafx bihom. Kien xi tezor li l-antenati tieghi hbew," wiegeb Gakobb.

"Mela la ma tafx bihom dawk huma taghna," wissieh Quintus

"Imma t-tezor jinsab fi hwejgi, allura jappartieni lili," qallu Gakobb.

"Inti ma ghandek xejn li hu tieghek, dak li tghid huwa tieghek huwa ta' Ruma. Anqas il-lukanda ma hija tieghek u anqas inti ma inti tieghek innifsek ghax kieku rrid nitfek fuq ix-xwieni talli ghidt kelma b'ohra u ppruvajt tisraq lil Cesare," wiegbu lura Quintus b'mod supperv.

Gakobb twerwer u ma lissinx kelma ohra. Kelma nieqsa ahjar milli kelma zejda f'cirkustanzi bhal dawn. Il-fizzjal ruman gabar kollox u telaq flimkien mal-pubblikan u z-zewg suldati l-ohra. Kif kien hiereg qallu: "U meta jasal iz-zmien tal-gbir tat-taxxi tarana mill-gdid."

Gakobb intelaq ghal kwazi mejjet ghax mhux biss hajtu kienet fil-periklu, izda il-gid li kien faddal maz-zmien ghosfor bla ebda tama ohra li qatt jarah.

Meta stejqer Gakob qal lil ibnu. "Qisek kont profeta. Nizel fuqna l-kastig talli kont iebes ma' dik il-koppja. Kemm nixtieq inpattilha ghal dik l-imgieba hazina tieghi, maghha."

"Ara missier, hallini immur Nazaret ma' Aronne, infittxu fejn joqghodu u meta nsibuhom ngharrfuk fejn u tkun tista' tizkuza ruhek maghhom."

"Iva hekk naghmlu, Ezdra."

Fil-lukanda kien hemm xi merkanti li dahlu ghall- lejl ghax l-ghada riedu jkomplu l-vjagg lejn Gerusalem. B'xorti tajba kellhom jieqfu Nazaret billi xi nisa sinjuri kienu ordnaw il-porpra. Aronne u Ezdra nghaqdu maghhom fil-vjagg biex ikunu ghalihom ta' wens minn kull gwaj u periklu.

Malli waslu Nazaret staqsew fuq li staqsew fejn kien jghammar Guzeppi bin Gakobb li kien mastrudaxxa. Fl-ahhar meta waslu biex jaqtghu qalbhom xwejjah li kien mistrieh fid-dahla tal-bieb ta' daru qalilhom li jekk jiehdu t-triq ta' wara s-sinagoga

kellhom jaslu ghandu. “Hu joqghod f’dar bil-hanut maghha fit-tarf tat-triq.”

Sabuh kif qalilhom ix-xwejjah u wara li Aronne introduca ruhu, ipprezentat lil siehbu Ezdra. Ezdra rrakonta kollox lil Guzeppi u Marija li dak il-hin kienet fil-hanut tbennen lil Gesu’ bex jorqod.

“Wissi lil missierek li ma ghandux ghax jigi hawn. Gia la darba jrid ipatti ghall-htija tieghu, dan juri li sobghih. Ahna hfirnilu qisu qatt ma gara xejn. Pero’ ghidlu li jqassam l-flus li kien ser joffri lil ibni bhala rigal u tpattija, fost il-fqar ta’ Betlem. “

Ezdra u Aronne irriturnaw lura Betlem u wasslulu l-messagg. Gakob ghamel kif qaltlu Marija. U b’dak l-att ta’ karita’ beda’ jgawdi l-hena. Kulhadd staghageb kif Gakobb imbidel, imma hadd ma kien jaf x’kienet il-kawza ta’ dan hlief ibnu Ezdra u r-rghaj Aronne.

Gesu’ jaf ibiddel il-qlub, anke dawk marbuta mal-hwejjeg tad-dinja.